



0074/2016

12.9.2016

DIKJARAZZJONI BIL-MIKTUB

imressqa skont l-Artikolu 136 tar-Regoli ta' Proċedura

dwar l-aċċessibilità ta' akkomodazzjoni għal komunitajiet vulnerabbli

Damian Drăghici (S&D), Norica Nicolai (ALDE), Daciana Octavia Sârbu (S&D), Sirpa Pietikäinen (PPE), Cătălin Sorin Ivan (S&D), Benedek Jávor (Verts/ALE), Ilhan Kyuchyuk (ALDE), Stefan Eck (GUE/NGL), Terry Reintke (Verts/ALE), Nedzmi Ali (ALDE), Tomáš Zdechovský (PPE), Mircea Diaconu (ALDE), Marc Tarabella (S&D), Filiz Hyusmenova (ALDE), Nicola Caputo (S&D)

Data ta' skadenza: 12.12.2016

Dikjarazzjoni bil-miktub, sont l-Artikolu 136 tar-Regoli ta' Proċedura, dwar l-aċċessibbiltà ta' akkomodazzjoni għal komunitajiet vulnerabbli¹

1. Fl-Unjoni Ewropea hemm komunitajiet friskju ta' esklużjoni soċjali li jissieltu ma' kwistjonijiet tal-akkomodazzjoni u li m'għandhomx ir-riżorsi finanzjarji biex jissodisfaw il-ħtiġijiet bażiċi tagħhom. Xi ċittadini Ewropej jgħixu fi strutturi dgħajfa li xi drabi huma mibnija illegalment fuq proprjetà pubblika jew privata. Spiss ma jkollhomx aċċess għall-kundizzjonijiet bażiċi ta' għajxien u huma soġġetti għal żgumbramenti furzati.
2. In-Nazzjonijiet Uniti u l-Kunsill tal-Ewropa stipulaw rispettivament li "Kulħadd għandu dritt għal livell ta' ħajja suffiċjenti biex jiżgura saħħtu, il-benesseri tiegħu u tal-familja tiegħu, b'mod partikolari għall-ikel, il-ħwejjeġ, l-akkomodazzjoni [...]" u li l-Istati għandhom responsabbiltà "[...] li joħlqu prezz tal-akkomodazzjoni aċċessibbli għan-nies li m'għandhomx biżżejjed riżorsi".
3. Il-Kummissjoni u l-Kunsill huma għaldaqstant mistiedna jaħdmu mal-Istati Membri biex jagħmlu l-akkomodazzjoni aċċessibbli għaċ-ċittadini kollha tal-UE, mingħajr eċċezzjoni, biex jeliminaw ir-riskju ta' esklużjoni soċjali tal-komunitajiet vulnerabbli u biex ikollhom akkomodazzjoni xierqa speċifika u inkluża b'mod ċar fil-katalgu tad-drittijiet fundamentali taċ-ċittadini kollha tal-UE.
4. Din id-dikjarazzjoni, flimkien mal-ismijiet tal-firmatarji, qed tintbagħat lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

¹ Bi qbil mal-Artikolu 136(4) u (5) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament, meta d-dikjarazzjoni tkun iffirmata minn maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, għandha tiġi ppubblikata fil-minuti bl-ismijiet tal-firmatarji tagħha u tintbagħat lid-destinatarji, mingħajr madankollu ma torbot lill-Parlament.